MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2012

Numru 1515/2007

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa)

vs

Spiridione Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 173465M akkuzat talli :

1. f’dawn il-Gzejjer, fis- 7 ta’ Settembru 2007 u fil-jiem ta’ wara, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamilt uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdejt

b’qeq iehor, intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamilt qligh li jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm 1000) ghad-dannu ta’ Sergio Camilleri, propjetarju ta’ Top Car Ltd;

2. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, approprajajt ruhek, billi dawwart bil profitt ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioè hadt u zammejt ghandek vettura ta’ l-ghamla Kia Pride b’numru tar-registrazzjoni CAK-794, ghad-dannu ta’ Sergio Camilleri, propjetarju ta’ Top Car Ltd;

3. f’xi perjodu bejn is- 7 ta’Settembru 2007 u 22 ta’ Ottubru 2007 b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghek jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna hsara fl-ammont ta’ Lm1,280.11 fuq vettura ta’ l-ghamla Kia Pride b’numru ta’ registrazzjoni CAK-794, ghad-dannu ta’ Sergio Camilleri, propjetarju ta’ Top Car Ltd;

4. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna hsara fl-ammont ta’ Lm13.75 fuq crash barrier finn , ghad-danna ta’ L-Awtorita’ Dwar it-Transport ta’ Malta (ADT).

Il-Qorti mitluba sabiex f’kas ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa jinsisti anka wara li l-Qorti tahtu zmien biex jirrikonsidra;

Fuq tali ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tiddikjarah u ssibu hati tar-reati kollha migjuba kontra tieghu.

Rat l-Artikolu 308,293, 294, 325 (a) (d) u 17 tal-Kap 9 tikkundanah sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qed jigu sospizi ghal-sentejn mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix delitt iehor fiz-zmien sena ta’ din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------